

# IL-ĦOLMA SSIR REJALTÀ

## *IT-TIENI PARTI - 1990 / 91*
## *IL-MIXJA LEJN KNISJA PARROKKJALI ĠDIDA TA' STA. VENERA*

Kien proprju t-Tnejn, 23 ta' Lulju, 1990, il-ġimgħa li fiha ġiet iċċelebrata l-Festa ta' Santa Venera V.M. tas-sena l-oħra, li l-kumpanija 'Attard Bros.' li kienet ħadet il-kuntratt tax-xogħol tal-bini tal-Knisja l-Ġdida bdiet il-ħidma tagħha fuq dan il-proġett.

Wara tant snin jistenna l-poplu Vendriż ra b'għajnejh li tassew kien wasal iż-żmien biex il-ħolma ta' tant nies tiġi rejalizzata. Kellhom isiru diversi preparamenti w arranġamenti qabel ma l-ġebel beda jitpoġġa waħda fuq waħda biex bdew jiffurmaw il-ħitan tal-ġnub tal-Knisja.

Minħabba li l-pjanti issa kienu nbidlu saru erba' kolonni ġodda fil-kripta peress li dawk li kellhom jerfgħu l-koppla kienu ġew bla użu u mhux bl-istess distanza ta' l-oħrajn. Sar ukoll ħajt ġdid li tela' fuq wara biex ikun jista' jilqa' fuq il-ħajt u l-Apside ta' wara l-artal.

Is-Sibt 6 t'Ottubru, 1990 waslet il-ġurnata li fiha l-poplu Vendriż kellu s-sodisfazzjoni li jipparteċipa għall-ewwel festa tal-Knisja l-ġdida. Minn issa 'l quddiem ix-xogħol fuq il-bini tal-Knisja sar aktar uffiċċjali.

– Sar it-tberik ta' l-ewwel ġebla tal-Knisja Parrokkjali l-Ġdida tagħna.



***Il-Ħadid ta' l-ewwel żewġ kolonni.***
***(Ritratt: Charles Muscat)***



***Hawnhekk naraw l-ewwel ġebla u t-tubu li fih flimkien ma' oħrajn, tpoġġa d-dokument.***
***(Ritratt: Charles Muscat)***

KUMITAT FESTI ESTERNI SANTA VENERA



Iċ-Ċerimonja li kienet immexxija mill-Wisq Reverendu Patri Leonardu Mahoney, Provinċjal tal-Karmelitani bdiet b'quddiesa konċelebrata solenni fil-Kripta tal-Knisja fejn fost l-oħrajn ħadu sehem P. Damian Cachia O.C. Kapillan u P. Franġisk Grech O.C. Pirjol flimkien mal-komunità li qed tieħu ħsieb il-bini tal-Knisja u numru ta' Saċerdoti oħrajn mistiedna. Fl-Omelija tiegħu Fr. Mahoney fost l-oħrajn qal:

> "Din il-Knisja li ser nibnu trid tkun il-post li fih jiltaqgħu u jitolbu flimkien il-Fidili kollha. Sa mill-medda taż-żmien insibu li l-poplu kien jiltaqa' biex iqim lil Alla u nsibu li fit-tielet seklu bdew jinbnew il-knejjes. Huwa qal illi l-ġurnata ta' llum hija importanti ħafna għalina. Hija ġurnata ta' ferħ materjali iżda hija wkoll ta' ferħ spiritwali. Aktar ma nkunu maqgħudin flimkien aktar nuru l-imħabba lejn Alla.
> Il-Knisja li ser nibnu trid ħafna sagrifiċċji, żmien, koperazzjoni u taħbit, iżda jekk inkunu maqgħudin bejnietna sodi fl-imħabba lejn xulxin f'qasir żmien naraw lest dan it-tempju."

Wara l-quddiesa saru żewġ diskorsi ta' l-okkażjoni mill-Kappillan u l-Pirjol. Fid-diskors tiegħu l-Kappilan qal:

> "Il-mixja ta' tletin sena waslitna biex ittemm ħolma, li naraw il-bidu tal-Knisja ġdida. Sa minn żmien ilu kienet ilha tinħass il-ħtieġa ta' knisja li tista' taqdi l-ħtiġijiet reliġjużi lill-poplu Vendriż li aktar ma jgħaddi ż-żmien qed jikber.
> Il-Knisja tal-ġebel hija l-post fejn il-Knisja ħajja — l-insara — fejn jiltaqgħu biex jagħtu qima lil Alla.
> Huwa l-post fejn isiru s-Sagramenti u fejn il-kelma t'Alla tiġi mħabbra. J'Alla din l-okkażjoni tal-lejla, it-tberik ta' l-ewwel ġebla jkun għajn ta' Barka u ħidma fejjieda."

Fil-waqt li l-Pirjol:

> Enfasizza l-importanza tal-koperazzjoni mill-poplu biex dan il-proġett jitla' u ma jdumx u biex kemm jista' jkun kull wieħed jagħti l-kontribut tiegħu għal din l-opra. Huwa qal li ħafna drabi dak li huwa impossibbli għall-bniedem għal Alla huwa faċli. Kull ma rridu nagħmlu huwa li nafdaw f'Alla.
> Patri Franġisk irringrazzja lil dawk kollha li tul iż-żmien kemm ilha li bdiet tinbena l-Knisja taw is-sehem tagħhom biex b'hekk illum stajna niltaqgħu flimkien għal din l-okkażjoni.

Wara li nqara d-Dokument u ġie ffirmat tpoġġa flimkien ma' għadd ta' oġġetti ta' tifkira f'tubu apposta biex jitpoġġew fl-Ewwel Ġebla.

L-Ewwel Ġebla ġiet trasportata proċessjonalment mill-kripta għall-post fejn qed tinbena l-Knisja. Wara l-qari ta' l-Iskrittura saret iċ-ċerimonja tat-tberik u t-tqegħid tal-Ġebla mill-Provinċjal Fr. Mahoney O.C.

L-armar u t-tiżjin tal-post kif ukoll in-nar ma naqsux milli jkomplu jagħmlu din il-ġurnata aktar memorabbli. Diversi rappreżentazzjonijiet ta' l-Għaqdiet fil-Parroċċa fosthom il-Kumitat Festi Esterni kienu preżenti għal din l-okkażjoni.







***L-Ewwel Ġebla qed tiġi trasportata proċessjonalment minn ġol-Kripta għal fejn qed tinbena l-Knisja Parrokkjali l-Ġdida.***

***(Ritratt: Charles Muscat)***

Kien lejn l-aħħar ta' Diċembru tal-1990 li x-xogħol fuq l-olterazzjonijiet minn ġewwa kien kważi lest għal kollox, biex lejn nofs Jannar 1991 ir-ritmu tax-xogħol reġa' beda fuq in-naħa ta' wara ta' l-artal u l-bini beda jidher kuljum jiżdied u tiela' 'l fuq. L-ewwel xogħlijiet li nbdew kienu fost l-oħrajn is-Sagristija li nbniet fuq wara fejn ġej l-artal Maġġur. Il-'Crying Room' u kamra għall-Qrar fuq in-naħa tax-xellug fuq l-istess artal, filwaqt li fuq il-lemin hemm kamra għall-abbatini u stores. Il-Kappella tas-Sagrament u l-Kappella tad-Duluri fuq ix-xellug u l-lemin ta' l-artal Maġġur rispettivament, meta wieħed iħares lejn l-artal mill-korsija tal-Knisja.

It-Tnejn 8 t'April, 1991 kien il-jum li wieħed setgħa jara l-ewwel ħadid ta' żewġ kolonni għoli madwar sular, biex b'hekk ingħata bidu għax-xogħol fuq il-kolonnar tal-Knisja. Issa kull taqsima tal-Knisja kien beda x-xogħol fuqha minbarra l-faċċata.





***Dan ir-ritratt juri l-biċċa ta' fuq ta' waħda mill-erba' kolonni ġodda li saru minn ġol-Kripta.*** ***(Ritratt: Charles Muscat)***



***Ix-xogħol fil-Bini tan-naħa ta' wara ta' l-artal u l-bini tal-Kappelli, tal-"Crying Room", kamra tal-Qrar u kamra għall-Abbatini u "stores".***

***(Ritratt: Charles Muscat)***



Il-ħaddiema prinċipali li f'idejhom qegħda l-kostruzzjoni tal-Knisja huma erbgħa, Ġanni Azzopardi ta' 40 sena minn Ħal Qormi, huwa l-bennej prinċipali tal-Knisja. Huwa ilu f'dan ix-xogħol għal dawn l-aħħar 25 sena.

Iż-żagħżugħ George Bonello ta' 22 sena wkoll minn Ħal Qormi ilu 7 snin jaħdem fil-bini. Huwa jaħdem bħala Manwal f'dan ix-xogħol.

Ħaddiem ieħor fil-bini tal-Knisja huwa Leli Gatt – Naġġar ta' 39 sena mill-Imsida, Leli ilu jaħdem f'dan ix-xogħol 20 sena. Fl-aħħar iżda mhux l-anqas insibu lil Manwel Giordimaina mill-Baħrija. Huwa għandu 30 sena u nofs ħajtu jiġifieri 15-il sena qattagħha fil-bini. Huwa jaħdem bħala għajjutant.







***L-aħħar dehra tax-xogħol sa issa.*** ***(Ritratt: Charles Muscat)***

Fuq dawn in-nies, il-poplu tar-raħal tagħna qiegħed jafda il-kostruzzjoni tat-tempju l-ġdid iddedikat lill-Padruna tagħna Santa Venera V.M. Mid-dedikazzjoni u mill-esperjenza li għandhom dawn il-ħaddiema f'dan ix-xogħol nistgħu nserħu moħħna li ser ikun tassew tempju sabiħ kif jixraq lil Santa Venera.

L-istil li qed tinbena bih il-Knisja huwa magħruf bħala stil Joniku, dettalji nagħtuhomkom f'ħarġa oħra.

**Tagħrif miġbur minn:**
**Silvio Farrugia**